MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 37/2006

**STMicroelectronics (Malta) Limited (C 5338)**

**Vs**

**Vicky Tagliaferro Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici tablet lill-konvenuta tigi  kkundannata thallas is-somma ta’ elfejn u ghaxar liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm2,010.91) dovuti mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici in kwantu ghas-somma ta’ hames mija u tnejn u sebghin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm572.70) dovuti bhala ‘notice’ mhux mahdum, in kwantu ghas-somma ta’ elf, mitejn u erbghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,240.85) bhala ‘maternity leave’ u in kwantu ghas-somma ta’ mitejn u sebgha u ghoxrin lira

Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm227.99) bhala sighat ta' 'vacation' mhux dovuti.

Bl-imghax u bl-ispejjez sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.
Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u ghaxar liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm2010.91).

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------